**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Ottubru 2019**

**Rikors nru: 22/2018 AGV**

**ABC ( ID nru:186106L)**
**Vs**
**DC ( ID nru: 78654M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **ABC ( ID nru:186106)** tat- 2 ta' Mejju 2019 fejn esponiet bir-rispett ;

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-21 ta' Frar 2001 u minn daz-zwieg kellhom zewg ulied, li huma EC li ghandha kwazi 18-il sena u FC li ghandha7 snin.
Illi mill-imsemmija data taz-zwieg taghhom bdiet tapplika l-komunjoni ta' akkwsiti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316 (1) tal-Kodici Civili;

Illi l-kawza ta' separazzjoni tal-partijiet ilha ghaddejja ghal kwazi sentejn, u l-konjugi ilhom fil-fatt tul dan il-perjoru, jghixu hajja separati minn xulxin. In oltre' prezentament il-konvenut jinsab inkarcerat;

Illi tali terminazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ghandu jgib beneficcju in kwantu mhux biss jevita li ebda parti ma taghmel xejn li tigi attriwbita lil-komunjoni, izda ukoll tkun tista' tirriakkwsita id-dritt li taghmel l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali u dan minghar il-htiega tal-kunsens u jew approvazzjoni jew intervent tal-parti l-ohra.

Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-kodici Civili, b' dan illi m' hu jinholoq l-ebda pregudizzju u mhux proporzjonat ghall-konvenut.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili;
2. Tawtorizza lil-esponenti sabiex tirregistra fir-registru pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Salv kull provvediment iehor li dina l-onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Il-Qorti rat ir-risposta ta' DC datata 21 ta' Mejju 2019 fejn espona bir-rispett;

1. Illi huwa prezentament qieghed fil-facilta' korrettiva ta' Kordin, u ghandu certu diffikutajiet sabiex jista' jikkonsidra dak li qed titlob l-imsemmija.
2. Illi huwa jara ftit stramb kif wara daz-zmien kellu huwa propju issa li qed issir it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni ta' akkwisti u konsegwentament, jkun iktar ahjar jekk fis-seduta li gejja quddiem din l-Onorabbli Qorti l-

kwistjoni tigi trattata u okkorendo jkun hemm prova dwar l-assi tal-istess komunjoni.

3. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dac-cirkostanzi, partikolari huwa jitlob li din l-Qorti Onorabbli tikkonsidra li ma tiddeciediex tali talba u tithalla pendenti sas-seduta li gejja.

**IKKUNSIDRAT;**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "
"***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq
min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat.*" Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Il-konvenut qed jopponi ghal din it-talba fir-risposta tieghu, u talab aktar zmien sabiex ikun jista' jittratta r-rikors odjern, u ghalhekk il-Qorti tatu opportunita' ifisser ahjar din l-opposizzjoni tieghu. Ghal xi raguni, ma inghatat ebda spjegazzjoni min-naha tieghu ghal tali risposta ghar-rikors tal-attrici. Gialadarba r-risposta ma gietx sostanzjata u ma tressqu ebda provi rigward il-pregudizzju sproporzjonat li jista' jsofri l-konvenut bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ghall-Qorti dan ifisser li s-sentenza ta' xoljiment mhux ser jikkagunalu ebda *pregudizzju spropozjonat* lill-konvenut.

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti, b’dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f’dina s-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**